KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 26.4.2007
KUMM(2007) 221 finali

2007/0082 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-firma u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar ċertu aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar ċertu aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u għanijietha**

B'segwitu għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-hekk imsejħa każijiet "*Open Skies*", nhar il-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill ta mandat lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet eżistenti bi ftehim Komunitarju[1] (il-"mandat orizzontali"). L-għanijiet ta' ftehimiet ta' dan it-tip huma li jagħtu aċċess mhux diskriminatorju lit-trasportaturi kollha ta' l-ajru ta' l-UE għar-rotot bejn il-Komunità u pajjiżi terzi, u sabiex il-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi bl-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi jikkonformaw mal-liġi Komunitarja.

- **Il-kuntest ġenerali**

Ir-relazzjonijiet fil-qasam ta' l-avjazzjoni internazzjonali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi tradizzjonalment jiġu rregolati permezz ta' ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi bl-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, l-Annessi għat-tali ftehimiet u arranġamenti oħra bilaterali jew multilaterali b'rabta ma' dan.

Il-klawżoli tradizzjonali ta' dežinjazzjoni fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi bl-ajru ta' l-Istati Membri jiksru l-liġi Komunitarja. Jagħtu l-lok lill-pajjiż terz li jirrifjuta, jirtira jew jissospendi l-permessi jew l-awtorizzazzjonijiet ta' kumpanija ta' l-ajru li kienet ġiet iddežinjata minn Stat Membru iżda li mhijiex proprjetà sostanzjali ta' dak l-Istat Membru u kkontrollata effettivament minnu jew miċ-ċittadini tiegħu. Instab li dan jikkostitwixxi diskriminazzjoni kontra t-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità li, filwaqt li jkunu stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru, ikunu proprjetà ta' ċittadini ta' Stat Membru ieħor u kkontrollati minnhom. Dan imur kontra l-Artikolu 43 tat-Trattat li jiggarantixxi liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li eżerċitaw id-dritt tagħhom li jistabbilixxu ruħhom b'mod ħieles, l-istess trattament fl-Istat Membru li jilqagħhom bħal dak mogħti liċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

Hemm kwistjonijiet oħra, bħat-tassazzjoni jew it-tariffi fuq il-fjuwil ta' l-avjazzjoni introdotti minn trasportaturi ta' l-ajru ta' terzi pajjiżi fuq rotot intra-Komunitarji, li fil-każ tagħhom il-konformità mal-liġi Komunitarja għandha tiġi żgurata billi jiġu emendati jew ikkumplimentati d-dispożizzjonijiet eżistenti fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi bl-ajru bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jieħdu post jew jikkumplimentaw id-dispożizzjonijiet eżistenti fis-sitt ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam.

- **Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 11323/03 tal-5 ta' Ġunju 2003 (dokument ristrett)

Il-Ftehim se jservi għan fundamentali tal-politika Komunitarja dwar l-avjazzjoni esterna billi jikkonforma l-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi ta' l-ajru mal-liġi Komunitarja.

2) KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi fil-mira ewlenin u l-profil ġenerali tar-rispondenti

L-Istati Membri, flimkien ma' l-industrija, ġew ikkonsultati matul in-negozjati kollha.

Sommarju tat-tweġibiet u kif tqiesu

Il-kummenti li saru mill-Istati Membri u l-industrija ġew ikkunsidrati.

3) ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sinteżi ta' l-azzjoni proposta**

Skond il-mekkaniżmi u d-direttivi fl-Anness għall-"mandat orizzontali", il-Kummissjoni nnegozjat ftehim mar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam li jissostitwixxi ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam. L-Artikolu 2 tal-Ftehim jieħu post il-klawżoli ta' dežinjazzjoni tradizzjonali bi klawżola ta' dežinjazzjoni Komunitarja, li tippermetti lit-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità li jibbenefikaw mid-dritt ta' stabbiliment. L-Artikolu 4 (Tariffi) isolvi kunflitti bejn ftehimiet bilaterali tas-servizzi ta' l-ajru eżistenti u r-Regolament tal-Kunsill Nru 2409/92 dwar tariffi u rati għas-servizzi ta' l-ajru li jipprojbixxu kumpaniji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi milli jkollhom pożizzjoni dominanti fuq il-prezzijiet tas-servizzi ta' l-ajru għall-ġarr magħmul kollu kemm hu fil-Komunità. L-Artikolu 5 jsolvi l-kunflitti li jista' jkun hemm mar-regoli ta' kompetizzjoni fil-KE.

- **Il-bażi legali**

It-Trattat tal-KE l-Art. 80(2), 300(2)

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta hija msejsa kollha kemm hi fuq il-"mandat orizzontali" mogħti mill-Kunsill b'kunsiderazzjoni tal-kwistjonijiet koperti mil-liġi Komunitarja u l-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-Ftehim se jemenda jew jikkumplimenta d-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi bl-ajru sal-punt neċessarju biss ħalli tiġi żgurata l-konformità mal-liġi Komunitarja.

- **L-għażla ta' l-istrumenti**

Il-Ftehim bejn il-Komunità u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam huwa l-aktar strument effiċjenti biex il-ftehimiet bilaterali eżistenti kollha dwar is-servizzi bl-ajru bejn l-Istati Membri u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam jikkonformaw ruħhom mal-liġi Komunitarja.

4) IMPLIKAZZJONIJIET FUQ IL-BAĠIT

Din il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit Komunitarju.

5) INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- **Is-simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprevedi s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Id-dispożizzjonijiet relevanti tal-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi bl-ajru bejn l-Istati Membri u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam se jiġu sostitwiti jew ikkumplimentati minn dispożizzjonijiet fi ftehim Komunitarju waħdieni.

- **Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta**

Skond il-proċedura standard għall-iffirmar u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, il-Kunsill huwa mitlub japprova d-deċiżjonijiet dwar l-iffirmar u dwar il-konklużjoni tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru u jinnomina l-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem il-Komunità.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-firma u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar ċertu aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80 (2), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[2],

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Ftehim mar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru f'konformità mal-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(3) Suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-Ftehim innegozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat u applikat provviżorjament.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Waħdieni

1. Suġġett għal konklużjoni tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-President tal-Kunsill b'dan qed jiġi awtorizzat jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw f'isem il-Komunità l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru.

2. Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Ftehim għandu jkun applikat b'mod provviżorju mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara d-data li fiha l-partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan. Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 8(2) tal-Ftehim.

---

[2] ĠU C […], […], p. […].

3. It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President

2007/0082 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar ċertu aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[4],

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Ftehim mar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru f'konformità mal-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(3) Il-Ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità fi [...] suġġett għal konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard, konformi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill.../.../KE ta' [...][5].

(4) Il-Ftehim għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru huwa permezz ta' dan approvat f'isem il-Komunità.

---

3 ĠU C […], […], p. […].
4 ĠU C […], […], p. […].
5 ĠU C […], […], p. […].

2. It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li tagħmel jew jagħmlu n-notifika prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim.

Magħmula fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

FTEHIM

bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam

dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

min-naħa waħda, u

IL-GVERN TAR-REPUBBLIKA SOĊJALISTA TAL-VJETNAM

min-naħa l-oħra

(minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-Partijiet')

FILWAQT LI JINNUTAW li ftehimiet bilaterali ta' servizzi ta' l-ajru ġew konklużi bejn sbatax-il Stat Membru tal-Komunità Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam li fihom dispożizzjonijiet li jmorru kontra l-liġi Komunitarja.

FILWAQT LI JINNUTAW li l-Komunità Ewropea għandha l-kompetenza esklussiva fir-rigward ta' bosta aspetti li jistgħu jiġu inklużi fi ftehimiet bilaterali ta' servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

FILWAQT LI JINNUTAW li skond il-liġi tal-Komunità Ewropea t-trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji stabbiliti f'xi wieħed mill-Istati Membri għandhom id-dritt għal aċċess mhux diskriminatorju għar-rotot ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

WARA LI KKUNSIDRAW il-ftehimiet bejn il-Komunità Ewropea u ċerti pajjiżi terzi li jipprovdu l-possibbiltà għaċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi terzi li jiksbu sehem f'kumpaniji ta' l-ajru liċenzjati f'konformità mal-liġi tal-Komunità Ewropea,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali għal servizzi ta' l-ajru bejn Stati Membri tal-Komunità Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, li huma kontra l-liġi Komunitarja Ewropea, għandhom jinġiebu f'konformità sħiħa magħha sabiex tiġi stabbilita bażi legali tajba għas-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam u biex tiġi ppreservata t-tkomplija ta' servizzi ta' l-ajru bħal dawn,

FILWAQT li JINNUTAW li taħt il-liġi tal-Komunità Ewropea l-kumpaniji ta' l-ajru fil-prinċipju ma jistgħux jikkonkludu ftehimiet li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u li għandhom bħala għan jew effett tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew it-tagħwiġ tal-kompetizzjoni,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li d-dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali għal servizzi ta' l-ajru konklużi bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetman li (i) jirrikjedu jew jiffavorixxu l-adozzjoni ta' ftehimiet bejn impriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi jew prattiċi miftiehma li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestringu l-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji ta' l-ajru dwar rotot rilevanti, jew (ii) isaħħu l-effetti ta' kwalunkwe tali ftehim, deċiżjoni jew prattika miftiehma, jew (iii) jiddelegaw ir-

responsabbiltà lill-kumpaniji ta' l-ajru jew operaturi ekonomiċi privati oħra biex jittieħdu miżuri li jipprevjenu, jgħawġu, jew jirrestrinġu l-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji ta' l-ajru dwar ir-rotot rilevanti li lir-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi jistgħu jagħmluhom ineffettivi,

FILWAQT li JINNUTAW li mhuwiex għan tal-Komunità Ewropea, bħala parti minn dawn in-negozjati, li jiżdied il-volum totali ta' traffiku ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, li jiġi affettwat il-bilanċ bejn kumpaniji ta' l-ajru tal-Komunità u kumpaniji ta' l-ajru tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, jew li jiġu nnegozjati emendi lid-dispożizzjonijiet li diġà jeżistu ta' ftehimiet bilaterali għal servizzi ta' l-ajru dwar drittijiet tat-traffiku,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, 'Stati Membri' tfisser l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea.

1. Referenzi f'kull ftehim elenkat fl-Anness 1 liċ-ċittadini ta' l-Istat Membru li huwa parti tal-ftehim jinftiehmu li qed jirreferu għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea.

2. Referenzi f'kull ftehim elenkat fl-Anness 1 għat-trasportaturi ta' l-ajru jew linji ta' l-ajru ta' l-Istat Membru li huwa parti tal-ftehim jinftiehmu bħala li qed jirreferu għat-trasportaturi ta' l-ajru jew linji ta' l-ajru dežinjati minn dak l-Istat Membru.

ARTIKOLU 2

Id-Dežinjazzjoni minn Stat Membru

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jieħdu post id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu magħhom fl-artikoli elenkati fl-Anness 2(a) u (b) rispettivament, f'dak li għandu x'jaqsam mad-dežinjazzjoni tat-trasportaturi ta' l-ajru mill-Istat Membru kkonċernat, l-awtorizzazzjonijiet u permessi tiegħu mogħtija mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, u r-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi tat-trasportaturi ta' l-ajru, rispettivament.

2. Malli tirċievi dežinjazzjoni mingħand Stat Membru, ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam għandha tagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi meħtieġa bl-anqas dewmien proċedurali, ipprovdut li:

   i. it-trasportatur ta' l-ajru ikun stabbilit fit-territorju ta' l-Istat Membru li qed jiddežinja taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u li għandu Liċenzja Operattiva valida fi qbil mal-liġi Komunitarja Ewropea;

   ii. kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur ta' l-ajru jkun imħaddem u miżmum mill-Istat Membru responsabbli mill-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' l-Operaturi ta' l-Ajru tiegħu u l-awtorità aeronawtika relevanti tkun identifikata b'mod ċar fid-dežinjazzjoni; kif ukoll

iii. it-trasportatur ta' l-ajru jkun proprjetà, direttament jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju, u jkun ikkontrollat effettivament mill-Istati Membri u/jew miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, u/jew mill-istati l-oħra elenkati fl-Anness 3 u/jew miċ-ċittadini ta' dawn l-istati l-oħra.

3. Ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam tista' tirrifjuta, tirrevoka, tissospendi jew tillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' kumpanija ta' l-ajru minn Stat Membru fejn:

i. it-trasportatur ta' l-ajru ma jkunx stabbilit fit-territorju ta' l-Istat Membru li jkun qed jiddeżinjah taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jew ma jkollux Liċenzja Operattiva valida skond il-liġi tal-Komunità Ewropea;

ii. ma jkunx eżerċitat jew miżmum kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur ta' l-ajru mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat Operattiv ta' l-Ajru tiegħu, jew l-awtorità aeronawtika relevanti ma tkunx identifikata biċ-ċar fid-deżinjazzjoni; jew

iii. it-trasportatur ta' l-ajru ma jkunx proprjetà, direttament jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju, jew ma jkunx ikkontrollat effettivament mill-Istati Membri u/jew miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, u/jew mill-istati l-oħra elenkati fl-Anness 3 u/jew miċ-ċittadini ta' stati oħra bħal dawn.

Waqt li qed teżerċita d-dritt tagħha taħt dan il-paragrafu, ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam m'għandhiex tiddiskrimina bejn it-trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji fuq il-bażi ta' nazzjonalità.

ARTIKOLU 3

Is-sikurezza

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplimentaw id-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-artikoli elenkati fl-Anness 2(c).

2. Fejn Stat Membru ddeżinja trasportatur ta' l-ajru li l-kontroll regolatorju tiegħu huwa eżerċitat u miżmum minn Stat Membru ieħor, id-drittijiet tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam taħt id-dispożizzjonijiet ta' sikurezza tal-ftehim bejn l-Istat Membru li ddeżinja t-trasportatur ta' l-ajru u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam għandu japplika b'mod ugwali fir-rispett ta' l-adozzjoni, l-eżerċizzju jew il-manteniment ta' l-istandards tas-sikurezza mill-Istat Membru l-ieħor u b'rispett ta' l-awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' dak it-trasportatur ta' l-ajru.

ARTIKOLU 4

Tariffi għall-ġarr fi ħdan il-Komunità Ewropea

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jikkomplimentaw l-artikoli elenkati fl-Anness 2(d).

2. It-tariffi li jiġu imposti mill-kumpanija/i ta' l-ajru deżinjata/i mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam permezz ta' ftehim elenkat fl-Anness 1 li fih dispożizzjoni

elenkata fl-Anness 2(d) għal ġarr li jseħħ kollu kemm hu fil-Komunità Ewropea għandhom ikunu suġġetti għal-liġi tal-Komunità Ewropea.

ARTIKOLU 5

Il-Kompatibilità mar-regoli tal-kompetizzjoni

1. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra kontra dan, xejn f'kull wieħed mill-ftehimiet elenkati f'Anness 1 m'għandu (i) jiffavorixxi l-adozzjoni ta' ftehimiet bejn l-impriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi jew prattiċi miftiehma li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestrinġu l-kompetizzjoni, jew (ii) isaħħu l-effetti ta' kwalunkwe tali ftehim, deċiżjoni jew prattika miftiehma, jew (iii) jiddelegaw ir-responsabbiltà lill-kumpaniji ta' l-ajru jew operaturi ekonomiċi privati oħra biex jittieħdu miżuri li jipprevjenu, jgħawġu, jew jirrestrinġu l-kompetizzjoni.

2. Id-dispożizzjonijiet f'dawn il-ftehimiet elenkati f'Anness 1 li m'humiex kompatibbli ma' paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għanhomx japplikaw.

ARTIKOLU 6

Annessi għal dan il-Ftehim

L-Annessi għal dan il-Ftehim ser jifformaw parti integrali minnu.

ARTIKOLU 7

Reviżjoni jew emendi

Il-Partijiet jistgħu, f'kull waqt, jirrevedu jew jemendaw dan il-Ftehim b'kunsens reċiproku.

ARTIKOLU 8

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni provviżorja

1. Dan il-Ftehim ser jidħol fis-seħħ meta l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li l-proċeduri interni rispettivi meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu ġew kompluti.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Partijiet qablu biex japplikaw b'mod provviżorju dan il-Ftehim mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

3. Ftehimiet u arranġamenti oħra bejn l-Istati Membri u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam li, fid-data ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, ma kinux daħlu fis-seħħ u li mhumiex qed jiġu applikati provviżorjament huma elenkati fl-Anness 1(b). Dan il-Ftehim għandu japplika għal kull Ftehim u arranġament ta' dan it-tip mad-dħul fis-seħħ jew applikazzjoni provviżorja tiegħu.

ARTIKOLU 9

Tmiem

1. Fil-każ li ftehim elenkat fl-Anness 1 jiġi tterminat, id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim li għandhom x'jaqsmu mal-ftehim elenkat fl-Anness 1 konċernat għandhom jiġu tterminati fl-istess ħin.

2. Fil-każ li l-ftehimiet kollha elenkati fl-Anness 1 jiġu tterminati, dan il-Ftehim jiġi tterminat fl-istess ħin.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji, awtorizzati kif jixraq, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi [....] b'żewġ kopji, fi [...] jum ta' [..., ...] fil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża, Żvediża u dik Vjetnamita.

GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA: GĦALL-GVERN TAR-REPUBBLIKA SOĊJALISTA TAL-VJETNAM:

Anness 1

Lista ta' ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

(a) Ftehimiet tas-servizzi ta' l-ajru bejn ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam u Stati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu ġew konklużi, iffirmati u/jew qed jiġu applikati provviżorjament

– Ftehim dwar is-Servizzi bl-Ajru bejn **il-Gvern Federali Awstrijakk u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam** iffirmat f'Hanoi fis-27 ta' Marzu 1995, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Vjetnam – Awstrija" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Renju tal-Belġju u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam** iffirmat fi Brussell fil-21 ta' Ottubru 1992, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Vjetnam – Belġju" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika Ċeka u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam** iffirmat fi Praga fit-23 ta' Mejju 1997, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Vjetnam – Repubblika Ċeka" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Renju tad-Danimarka u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam** iffirmat f'Ha Noi fil-25 ta' Settembru 1997, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Vjetnam – Danimarka" fl-Anness 2;

– Għandu jinqara flimkien mal-Memorandum ta' Ftehim bejn ir-Renji tad-Danimarka, in-Norveġja u l-Iżvezja u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjentman, magħmul f'Ha Noi fil-25 ta' Settembru 1997;

– Ftehim dwar is-Servizzi bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Renju tal-Finlandja u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam** iffirmat f'Ha Noi fis-26 ta' Ottubru 2000, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Vjetnam – Finlandja" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika ta' Franza u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam** iffirmat f'Pariġi fl-14 ta' April 1977, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Vjetnam – Franza" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam** iffirmat f'Bonn fis-26 ta' Awwissu 1994, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Vjetnam – Ġermanja" fl-Anness 2;

Immodifikat l-aħħar bil-Minuti Maqbula magħmula f'Hanoi fis-7 ta' Marzu 2002;

– - Ftehim dwar is-Servizzi bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika ta' l-Ungerija u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam** magħmul f'Ha

Noi fl-4 ta' Frar 1998, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Vjetnam – Ungerija" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi bl-Ajru bejn **il-Gvern tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam** magħmul fil-Lussemburgu fis-26 ta' Ottubru 1994, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Vjetnam – Lussemburgu" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi bl-Ajru bejn **ir-Renju ta' l-Olanda u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam** bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, magħmul f'Ha Noi fl-1 ta' Ottubru 1993, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Vjetnam – Olanda" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Polonja u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam** magħmul f'Warsaw fil-11 ta' Settembru 1976, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Vjetnam – Polonja" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika Portugiża u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam** magħmul f'Liżbona fit-3 ta' Frar 1998, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Vjetnam – Portugall" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi bl-Ajru Ċivili bejn **il-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam** magħmul f'Hanoi fis-26 ta' Ġunju 1979, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Vjetnam – Rumanija" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Renju ta' l-Iżvezja u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam** magħmul f'Hanoi fil-25 ta' Settembru 1997, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Vjetnam – Żvezja" fl-Anness 2;

– Għandu jinqara flimkien mal-Memorandum ta' Ftehim bejn ir-Renji tad-Danimarka, in-Norveġja u l-Iżvezja u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, magħmul f'Hanoi fil-25 ta' Settembru 1997;

– Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika Slovakka u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam** magħmul f'Hanoi fis-6 ta' Novembru 1997, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Vjetnam – Repubblika Slovakka" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam** magħmul f'Londra fid-19 ta' Awwissu 1994, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Vjetnam - Renju Unit" fl-Anness 2;

– Emendat l-aħħar minn Skambju ta' Noti magħmula f'Hanoi fit-8 u fis-26 ta' Settembru 2000;

(b) Ftehim dwar is-servizzi bl-ajru u arranġamenti oħra inizjalati jew iffirmati bejn il-Vjetnam u Stati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhux qed jiġu applikati provviżorjament

Anness 2

Lista ta' artikoli fil-ftehimiet elenkati fl-Anness 1 u msemmija fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Ftehim

(a) Dežinjazzjoni minn Stat Membru:

- L-Artikolu 3, Paragrafu 5 tal-Ftehim Vjetnam - Awstrija;
- L-Artikolu 3, Paragrafu 4 tal-Ftehim Vjetnam - Danimarka;
- L-Artikolu 4, Paragrafu 4 tal-Ftehim Vjetnam – Repubblika Ċeka;
- L-Artikolu 4, Paragrafu 5 tal-Ftehim Vjetnam - Finlandja;
- L-Artikolu 7, Paragrafu 4 tal-Ftehim Vjetnam - Franza;
- L-Artikolu 3, Paragrafu 4 tal-Ftehim Vjetnam - Ġermanja;
- L-Artikolu 3, Paragrafu 4 tal-Ftehim Vjetnam - Ungerija;
- L-Artikolu 3, Paragrafu 4 tal-Ftehim Vjetnam - Lussemburgu;
- L-Artikolu 4, Paragrafu 4 tal-Ftehim Vjetnam - Olanda;
- L-Artikolu 3, Paragrafu 4 tal-Ftehim Vjetnam - Portugall;
- L-Artikolu 3, tal-Ftehim Vjetnam - Rumanija;
- L-Artikolu 3, Paragrafu 4 tal-Ftehim Vjetnam - Żvezja;
- L-Artikolu 3, Paragrafu 4 tal-Ftehim Vjetnam – Repubblika Slovakka;
- L-Artikolu 4, Paragrafu 4 tal-Ftehim Vjetnam – Renju Unit;

(b) Rifjut, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi:

- L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (a) tal-Ftehim Vjetnam - Awstrija;
- L-Artikolu 5, Paragrafu 1 (d) tal-Ftehim Vjetnam - Belġju;
- L-Artikolu 5, Paragrafu 1 (a) tal-Ftehim Vjetnam – Repubblika Ċeka;
- L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (a) tal-Ftehim Vjetnam - Danimarka;
- L-Artikolu 5, Paragrafu 1 (a) tal-Ftehim Vjetnam - Finlandja;
- L-Artikolu 9, Paragrafu 1 (a) tal-Ftehim Vjetnam - Franza;
- L-Artikolu 4, Paragrafu 1 tal-Ftehim Vjetnam - Ġermanja;
- L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (a) tal-Ftehim Vjetnam - Ungerija;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (c) tal-Ftehim Vjetnam - Lussemburgu;

– L-Artikolu 5, Paragrafu 1 (c) tal-Ftehim Vjetnam - Olanda;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (a) tal-Ftehim Vjetnam – Portugall;

– L-Artikolu 4, tal-Ftehim Vjetnam – Rumanija;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (a) tal-Ftehim Vjetnam - Żvezja;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (a) tal-Ftehim Vjetnam – Repubblika Slovakka;

– L-Artikolu 5, Paragrafu 1 (a) tal-Ftehim Vjetnam – Renju Unit;

(c) Is-Sikurezza:

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Vjetnam - Awstrija;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Vjetnam – Belġju;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Vjetnam – Repubblika Ċeka;

– L-Artikolu 18 tal-Ftehim Vjetnam – Finlandja;

– L-Artikolu 4 tal-Ftehim Vjetnam – Franza;

– L-Artikolu dwar is-sikurezza kif stabbilit f'Appendiċi 4 tal-Minuti Maqbula magħmula f'Hanoi fis-7 ta' Marzu 2002, li jemenda il-Ftehim Vjetnam – Ġermanja;

– L-Artikolu 9 tal-Ftehim Vjetnam – Ungerija;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Vjetnam – Lussemburgu;

– L-Artikolu 14 tal-Ftehim Vjetnam – Olanda;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Vjetnam – Polonja;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Vjetnam – Repubblika Slovakka;

– L-Artikolu 9 bis tal-Ftehim Vjetnam – Renju Unit;

(d) Tariffi għall-ġarr fi ħdan il-Komunità Ewropea:

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Vjetnam – Awstrija;

– L-Artikolu 13 tal-Ftehim Vjetnam – Belġju;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Vjetnam – Repubblika Ċeka;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Vjetnam – Danimarka;

– L-Artikolu 13 tal-Ftehim Vjetnam – Finlandja;

– L-Artikolu 12 tal-Ftehim Vjetnam – Franza;

– LL-Artikolu 10 tal-Ftehim Vjetnam – Ġermanja;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Vjetnam – Ungerija;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Vjetnam – Lussemburgu;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Vjetnam – Olanda;

– L-Artikolu 20 tal-Ftehim Vjetnam – Polonja;

– L-Artikolu 16 tal-Ftehim Vjetnam – Portugall;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Vjetnam – Rumanija;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Vjetnam – Żvezja;

– L-Artikolu 12 tal-Ftehim Vjetnam – Repubblika Slovakka;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Vjetnam – Renju Unit;

Anness 3

Lista ta' stati oħra msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim

(a) **Ir-Repubblika ta' l-Iżlanda** (skond il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

(b) **Il-Prinċipat ta' Liechtenstein** (skond il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea);

(c) **Ir-Renju tan-Norveġja** (skond il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea);

(d) **Il-Konfederazzjoni Żvizzera** (skond il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera)